ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 2

StudentBounty.com

## IR-RABA' SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ______________

**1. Wieġeb billi tagħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1.1 Bejn l-1800 u l-1964 Malta kienet titmexxa mill-
(Kavallieri - Franċiżi - Ingliżi - Aragoniżi). (1)

1.2 Kolonja tfisser
(art protetta - art maħkuma - art indipendenti - art newtrali). (1)

1.3 Ir-raġel uffiċjali mibgħut mill-Ingilterra sabiex imexxi l-Gżejjer Maltin kien jissejjaħ
(Amministratur - Gran Mastru - Prim Ministru - Gvernatur). (1)

1.4 Fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża politiċi Maltin kienu jagħmlu talbiet lill-Gvern Ingliż sabiex jingħataw aktar drittijiet permezz ta'
(dispaċċi - libelli - petizzjonijiet - vetos). (1)

1.5 Matul il-ħakma Ingliża Malta kienet tintuża bħala
(ċentru turistiku - ċentru industrijali - fortizza u bażi navali - ċentru storiku). (1)

1.6 Ġabra ta' liġijiet li bihom jitmexxa pajjiż tissejjaħ
(kostituzzjoni - amministrazzjoni - petizzjoni - elezzjoni). (1)

1.7 Fit-Tieni Gwerra Dinjija Malta kienet tifforma parti mill-pajjiżi
(tal-Assi - tal-Alleati - tan-NATO - tal-Patt ta' Varsavja). (1)

1.8 Peress li l-Gżejjer Maltin jinsabu f'nofs il-Mediterran u kienu jintużaw mill-qawwiet il-kbar matul is-snin, ngħidu li Malta kienet tinsab f'post
(traġiku - strateġiku - komdu - imwarrab). (1)

1.9 Malta ma baqgħetx kolonja Ingliża permezz tal-kostituzzjoni tal-
(1903 - 1921 - 1947 - 1964). (1)

1.10 Meta Malta saret Repubblika fl-1974 il-Kap tal-Istat beda jissejjaħ
(Gvernatur - President - Prim Ministru - Re). (1)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. **Qabbel dawn il-frażijiet li ġejjin dwar l-edukazzjoni fi żmien l-Ingliżi. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Fil-bidu tas-seklu 19 | kienet tfisser li t-tfal tas-sinjuri u tal-fqar bdew jattendu l-iskola u aktar studenti tgħallmu jaqraw u jiktbu. | |
| b. | Austin u Lewis fl-1836 | ftit subien minn familji sinjuri kienu jattendu l-iskola. | **a** |
| c. | Ir-Rapport ta' Keenan tal-1878 | sabu li ħafna nies ma jafux jaqraw u taw importanza lil-lingwa Taljana. | |
| d. | Il-Kwistjoni tal-Lingwa 1880-1940 | bdew minħabba l-Kwistjoni tal-Lingwa. | |
| e. | Il-Partiti Politiċi f'Malta | ta importanza lil-lingwa Ingliża. | |
| f. | Skola Sekondarja għal kulħadd | kienet ġlieda bejn jekk fl-iskejjel tiġix mgħallma l-lingwa Taljana jew dik Ingliża. | |

**(Total: 1 x 5 = 5 marki)**

3. **Ikteb jekk dawn is-sitwazzjonijiet humiex <u>KAWŻA</u> jew <u>EFFETT</u> tas-Sette Giugno 1919.**

3.1 Il-mewt ta' erbat irġiel Maltin ____________

3.2 Il-Kostituzzjoni tal-1921 ____________

3.3 Il-prezz għoli tal-prodotti tal-ikel bħall-ħobż ____________

3.4 L-influwenza tal-gazzetti ____________

3.5 Id-differenza bejn il-pagi ta' ħaddiema Maltin u ta' ħaddiema Ingliżi ____________

3.6 Is-sussidju fuq il-prezz tal-ħobż ____________

3.7 Il-bidu tal-Partit Laburista ____________

3.8 Il-Kostituzzjoni tal-1903 ____________

3.9 Nies bla xogħol wara l-Ewwel Gwerra Dinjija ____________

3.10 Iż-żieda fit-taxxa ____________

**(Total: 1 x 10 = 10 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Ħares lejn is-sors imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

Sors A. Mużiċisti Maltin idoqqu ż-żaqq u t-tanbur fit-toroq tal-Belt Valletta.



4.1 Spjega x'qed tara f'sors A.

______________________________

______________________________ (1)

4.2 Kif inbidel dan it-tip ta' divertiment fi żmien l-Ingliżi? ______________

______________________________ (2)

4.3 Semmi attività li kienet issir fl-Imnarja fis-Saqqajja jew fil-Buskett fi żmien l-Ingliżi. ______________________

______________________________ (1)

4.4 Semmi **żewġ** influwenzi li biddlu l-istil ta' ħajja tal-Maltin minn żmien l-Ingliżi sal-lum.

______________________________

______________________________ (2)

**(Total: 6 marki)**

**5. Aqra din is-silta dwar il-ħajja f'Malta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

> Sors B. "L-ilma għad-djar kien jiġi mill-bir jew mill-għajn ... Fis-snin erbgħin inbena akwedott ieħor ħalli jġib l-ilma min-nixxiegħa tal-Fawwara lejn l-ibliet tal-Kottonera u bosta rħula oħrajn ... Tneħħi xi lampa taż-żejt tnemnem iżolata ... malli tinżel ix-xemx kien jaqa' dlam ċappa ... f'dak iż-żmien, id-dranaġġ, sikwit jiġri mat-toroq, kien fattur negattiv għall-iġjene u s-saħħa ta' kulħadd ..."
>
> *Storja ta' Malta. Żmien l-Ingliżi – Is-seklu dsatax.* H. Frendo, 2004, p.64.

5.1 Minn sors B, semmi **żewġ** nuqqasijiet li kellhom il-Maltin fis-seklu 19.

______________________________ ______________________________ (2)

5.2 Minn sors B, agħti raġuni għala l-Gvern Ingliż bena l-Akwedott tal-Fawwara.

______________________________ (1)

5.3 Barra l-Akwedott tal-Fawwara, x'għamel il-Gvern Ingliż sabiex jinġabar l-ilma tax-xita? ______________________________ (1)

5.4 Semmi marda li kienet tiġi meta d-drenaġġ kien jitħallat mal-ilma tax-xorb.

______________________________ (1)

**(Total: 5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**6. Ħares lejn is-sorsi u poġġi l-kliem fis-sentenzi.**

Sors C



Sors D



Sors E



Sors F



| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **fabbriki** | **sanitarji** | **twal** | **d-duħħan** | **l-ħadid** | **jimirdu** | **minjiera** |
| **vjaġġar** | **negattivi** | **djar** | **l-ferrovija** | **l-ilma** | **bid-dranaġġ** | **ibliet** |

6.1 Fi żmien ir-Rivoluzzjoni Industrijali bdew jinbnew ħafna __________________.

6.2 Din ir-rivoluzzjoni ġabet magħha effetti tajbin kif ukoll effetti _______________.

6.3 Sors C juri tifel jaħdem f'_______________ minn fejn kien jinqata' u jittella' l-faħam u ______________________.

6.4 Dawn it-tfal kienu spiss jispiċċaw jaħdmu sigħat _______________________ u minħabba f'hekk ħafna kienu _____________________ jew imutu ta' età żgħira.

6.5 Peress li ħafna nies marru jgħixu fl-__________________ biex jaħdmu fil-fabbriki (Sors D) kien hemm bżonn ta' aktar__________________ fejn joqogħdu.

6.6 Ħafna minn dawn inbnew ta' malajr b'kundizzjonijiet _____________________ ħżiena.

6.7 Bħalma naraw f'sors E, in-nies kienu joqogħdu fil-kju sabiex jieħdu _____________ li ġieli kien ikun imniġġes _________________.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6.8 Fl-Ingilterra kien hemm ukoll il-problema tat-tniġġis tal-arja minħabba

______________________ li kien joħroġ mill-fabbriki.

6.9 Ir-Rivoluzzjoni Industrijali ġabet ukoll progress għax żdiedet il-manifattura kif ukoll il-kummerċ u saru invenzjonijiet ġodda bħall-elettriku u __________________ kif jidher f'sors F.

6.10 L-invenzjoni ta' sors F mhux biss tejbet il-mezz ta' ____________________ iżda permezz tagħha ħafna nies bdew joqogħdu fi rħula madwar il-bliet u xorta kienu jaslu x-xogħol fil-ħin.

**(Total: 1 x 14 = 14–il marka)**

**7. Aqra dan is-sors imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

| |
|---|
| Sors G. "L-iktar pajjiżi li marru jgħixu fihom il-Maltin ... kienu l-Alġerija, it-Tuneżija, l-Eġittu u l-Libja ... Meta kien jinqala' xi għawġ, xi epidemija tal-pesta jew xi rewwixta kontra l-Ewropej jew kontra l-Insara, mijiet minn dawk emigrati f'xi pajjiż fl-Afrika ta' Fuq ... kienu malajr jiġu jiġru lura Malta." Addattata minn *Storja ta' Malta. Żmien l-Ingliżi – Is-seklu dsatax.* H. Frendo, 2004, p.197. |

7.1 Minn sors G semmi **żewġ** pajjiżi fejn kienu jemigraw il-Maltin.

________________________________ ________________________________ (2)

7.2 Agħti raġuni għala taħseb li l-Maltin kienu jippreferu jemigraw f'dawn il-pajjiżi.

__________________________________________________________________ (1)

7.3 F'liema seklu l-Maltin kienu jemigraw fil-postijiet imsemmija f'sors G?

__________________________________________________________________ (1)

7.4 Agħti **żewġ** raġunijiet għala xi Maltin kienu jitilqu minn Malta.

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (2)

7.5 Minn sors G semmi **żewġ** raġunijiet għala xi Maltin kienu jiġu lura Malta.

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (2)

7.6 Agħżel it-tajba billi tagħmel sinjal taħtha.

7.6.1 Il-Maltin tas-seklu 19 kienu jemigraw ( bil-baħar - bl-ajru - bil-ferrovija ). (1)

7.6.2 Bosta Maltin tas-seklu 20 emigraw lejn ( l-Awstralja - il-Ġappun - il-Brażil ). (1)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8. **Qabbel dawn li ġejjin. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Bejn l-1800 u l-1850 | ġab ħafna xogħol għall-bennejja u fil-barrieri. | |
| b. | Forti Rinella u Forti Cambridge | inbnew ħalli jekk l-għadu jinżel fil-Majjistral ta' Malta ma jattakkax il-portijiet minn fuq l-art. | |
| c. | Il-bini ta' forti ġodda bejn l-1870 u l-1890 | l-Ingliżi rranġaw l-fortifikazzjonijiet li kienu bnew il-Kavallieri. | **a** |
| d. | Il-Kanun ta' Mitt Tunnellata | komplew isaħħu l-*Victoria Lines*. | |
| e. | Il-*Victoria Lines* | inbnew biex jiddefendu l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett mill-għadu. | |
| f. | Forti Madliena, Forti Binġemma u Forti Mosta | sar minħabba li ġew żviluppati kanuni ġodda li jwasslu aktar fit-tul. | |

**(Total: 1 x 5 = 5 marki)**

9. **Poġġi dan il-kliem fis-sentenzi li hawn taħt.**

| | | |
|---|---|---|
| **l-Istati Uniti** | **ekonomiku** | **armi** |
| **Gwerra l-Bierda** | **l-Unjoni Sovjetika** | **in-Nazzjonijiet Uniti** |

Meta spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija ħafna pajjiżi kienu jinsabu fi stat ________________ ħażin minħabba l-ħsara li kienet saret waqt il-ġlied. Sabiex tinżamm il-paċi twaqqfet __________________________________. Minkejja dan kollu xorta kien hemm tensjoni bejn iż-żewġ superpotenzi; _______________________ u _______________________. Dawn it-tnejn impikaw fuq bosta affarijiet bħal min minnhom kellu l-aqwa _____________ u l-ikbar armata. Din il-pika wasslet għall-bidu tal-___________________________ li ntemmet lejn l-aħħar tas-seklu 20.

**(Total: 1 x 6 = 6 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**10. Ħares lejn is-sors imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.**

Sors H. It-tarbija tirrappreżenta lill-Istati Uniti tal-Amerika li daħlet fil-gwerra flimkien mal-pajjiżi msejħa Alleati.

Il-ġgant jirrappreżenta t-tliet pajjiżi tal-Assi.




10.1 Għal-liema gwerra qed jirreferi sors H?

(L-Ewwel Gwerra Dinjija - It-Tieni Gwerra Dinjija - Il-Gwerra l-Bierda) (1)

10.2.1 Agħżel **tnejn** minn dawn il-mexxejja li huma rrappreżentati mill-ġgant fis-sors.

(Stalin - Mussolini - Hitler - Churchill) (2)

10.2.2 Agħżel **tliet** pajjiżi li kienu jiffurmaw l-Assi.

(Franza – l-Italja – ir-Russja – l-Ingilterra – il-Ġermanja - Spanja – il-Ġappun – iċ-Ċina) (3)

10.3 Semmi **żewġ** tipi ta' teknoloġija avvanzata fl-armi li ntużaw f'din il-gwerra bħalma jidhru fis-sors.

____________________________ ____________________________ (2)

10.4 Liema grupp ta' pajjiżi msemmija fis-sors rebaħ din il-gwerra?

____________________________________ (1)

**(Total: 9 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**11. Agħżel TNEJN minn dawn it-temi. Ikteb mhux inqas minn tmien sen... dwar kull waħda.**

11.1 Kif żviluppa t-trasport f'Malta fi żmien l-Ingliżi?
11.2 Il-ħajja tal-Maltin matul it-Tieni Gwerra Dinjija
11.3 Mard infettiv li laqat lill-gżejjer Maltin fis-seklu dsatax
11.4 Il-bini mibni mill-Ingliżi f'Malta
11.5 Kif inbidlet l-ekonomija ta' Malta bl-Indipendenza?
11.6 It-tarzna ta' Malta fi żmien l-Ingliżi

Tema 1

Tema 2

**(Total: 10 x 2 = 20 marka)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers